# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 8 ta’ Frar, 2002**

**Appell Nru 108/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Kenneth Attard**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Kenneth Attard talli, fil-kwalita’ tieghu ta’ Direttur ta’ Attard Services Ltd ta’ 53, Tanks Street, B’Bugia, fis-6 ta’ Awissu 1999 u qabel din id-data, hu naqas li jhallas lill-ex impjegati tieghu Carmelo Cachia, Peter Mark Cachia u James Galea sahra mahduma ta’ 480 siegha, 555 siegha u 405 siegha rispettivament, fl-ammonti rispettivi ta’ Lm2090.50, Lm982.04, u Lm779.53; l-ewwel qorti kienet mitluba li tordna lill-akkuzat li jhallas lil Carmelo Cachia s-somma ta’ Lm2090.50, lil Peter Mark Cachia Lm982.04, u lil James Galea s-somma ta’ Lm 779.53 li tirraprezenta s-sahra mahduma kif spjegat aktar il-fuq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta’ Mejju, 2001 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill Kenneth Attard hati pero` limitatament ghall-ammonti segwenti, u kkaundannatu jhallas lill-Carmelo Cachia s-somma ta’ elf u erbgha w sittin lira u erbgha w erbghin centenzmu (Lm1064.44), lil Peter Mark Cachia s-somma ta’ erba’ mija w sebgha w tletin lira u erbghin centezmu (Lm437.40), u lil James Galea is-somma ta’ erba’ mija w wiehed u sebghin lira u tnejn u erbghin centezmu (Lm471.42); u kkundannatu wkoll ihallas multa ta’ hamsin lira (Lm50);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Kenneth Attard, minnu ppresentat fit-30 ta’ Mejju, 2001, li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu zewg aggravji, li ser jigu kkunsidrati *seriatim*. L-ewwel aggravju hu fis-sens li, a bazi ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 42 tal-Kap. 135 huwa kellu jigi liberat *in toto* mill-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, u dan peress li, dejjem skond l-appellant, "jekk gara li kien hemm cirkostanzi li setghu jwasslu ghal reat, dan gara ad insaputa tieghu u [hu] kien ezercita d-diligenza kollha necessarja biex ma jsirx tali reat". L-appellant jikkontendi li Carmelo Cachia kien inkarigat li jissorvelja u effettivament imexxi l-post fejn hu, flimkien ma' ibnu Peter Mark Cachia u ma' James Galea, kien jahdem, u li dawn it-tlieta bejniethom kellhom jirregolaw il-hinijiet ta' attendenza fuq il-post tax-xoghol. Skond l-appellant, hu qatt ma ta struzzjonijiet specifici dwar il-hinijiet li kull wiehed minnhom kellu jattendi ghax-xoghol. Dana l-aggravju, pero`, ser jigi respint ghal raguni wahda u semplici: anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, l-appellant ma kienx jaf bil-hinijiet ta' aktar minn erbghin siegha fil-gimgha li kienu qed jahdmu l-impjegati tal-kumpanija – haga li, bhala direttur tal-kumpnaija huwa seta facilment ikun jafha, anzi kellu l-obbligu li jkun jafha fl-interess tal-kumpanija – ir-reat ma giex kommess (mill-kumpanija) meta dawna l-impjegati hekk hadmu, izda <u>meta l-kumpanija ma hallsithomx skond kif kienet obbligata bil-ligi li thallashom</u> tas-sieghat li hadmu *over and above* l-erbghin siegha. Kien certament id-dmir ta' l-appellant, bhala direttur tal-kumpanija, li jara li l-impjegati jithallsu kull xahar ta' dak li kienu <u>effettivament</u> hadmu; kien ukoll id-dmir tieghu li, jekk jara li l-impjegati kienu qed jahdmu hinijiet li l-kumpanija ma ridithomx jahdmu, iwaqqafhom milli jkomplu jahdmu hawk il-hinijiet zejda. L-appellant certament ma jistax jghid li hu pprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li kien "ezercita d-diligenza <u>kollha</u> xierqa" biex ma jsirx ir-reat mill-kumpanija. Biex direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili jezimi ruhhu mir-responsabbilta` vikarja li tohrog mill-Artikolu 42 tal-Kap 135, ma hux bizzejjed li huwa jiddelega xi xoghol jew funzjonijiet lil haddiehor; irid juri li huwa agixxa <u>pozittivament</u> sabiex fil-kaz konkret ikun jista' jinghad li, fic-cirkostanzi, ezercita d-diligenza <u>kollha</u> minnu mistennija (ara f'dan is-sens ***Il-Pulizija v. Dr. George Cassar*** App. Krim. 26/8/1998; ***Il-Pulizija v. Ivan Meli*** App. Krim. 15/9/2000). Kif inghad, l-aktar haga elementari li kellu jaghmel l-appellant bhala direttur kienet li jivverifika l-hinijiet li kienu qed jahdmu l-impjegati tal-kumpanija (inkluz min kien inkarigat mit-tqassim tax-xoghol u tal-hinijiet), u li jara li dawna jithallsu skond il-ligi tal-hinijiet li kienu effettivament hadmu; u jekk ma riedx li huma jahdmu certi hinijiet huwa seta qalilhom hekk specifikatament, u huma ma kienux jibqghu intitolati ghall-hlas ghal xi sieghat li jkunu hadmu kontra l-ordni car tieghu. Minn dan kollu l-appellant ma ghamel xejn. Ghalhekk, kif inghad, dana l-aggravju qed jigi respint.

It-tieni aggravju hu, bazikament, fis-sens li ma ingabux provi bizzejjed dwar l-*overtime* li hadmu kull wiehed mill-impjegati imsemmija fl-imputazzjoni. Huwa veru li ma gewx prodotti *time sheets*, pero` dan ma jfissirx li l-ewwel qorti ma setghetx toqghod – kif effettivament qaghdet – fuq id-deposizzjonijiet tat-tlett impjegati. Din il-Qorti qrat bir-reqqa kemm id-deposizzjonijiet taghhom kif ukoll id-deposizzjoni ta' l-appellant (allura imputat) moghtija quddiem l-ewwel qorti, u ma tara ebda raguni ghala

ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti ghal dak li jirrigwarda sieghat ta’ sahra li inhadmu.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Aldo Testone
Dep.Registratur